MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru 3/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Brian Agius,**
***-- omissis --***
**Noel Calleja, u**
**Kevin Falzon**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-23 ta' Gunju, 2003. Is-sentenza inghatat fil-konfront ta' erba' akkuzati, izda tlieta minnhom biss – Brian Agius, Noel Calleja u Kevin Falzon appellaw. Fit-13 ta' Gunju,

2003, Noel Calleja u Kevin Falzon kienu ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom mill-Avukat Generali fl-Att ta' Akkuza minflok ma ghaddew guri, filwaqt li Brian Agius u r-raba' ko-akkuzat (Joseph Calleja) kienu kkontestaw il-guri. B'verdett moghti fid-18 ta' Gunju, 2003 il-gurati unanimament sabu lil Brian Agius hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza – serq kwalifikat kontinwat – u fir-rigward tat-tieni kap (li kien jirreferi biss ghal dan Brian Agius u fejn l-akkuza kienet ta' tentattiv ta' omicidju) il-gurati b'sitt voti favur u tlieta kontra sabuh mhux hati kif akkuzat izda sabuh minflok hati talli involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' P.C. 670 Walter Sheldon. Ghall-kompletezza jinghad li b'verdett maggoritarju Joseph Calleja ma nstabx hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza izda instab hati biss ta' serq (kwalifikat biss bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bil-hin) kontinwat. B'verdett addizzjonali, il-gurati unanimament sabu lil Brian Agius hati li kkommetta reat li ghandu piena ta' prigunerija – u dan riferibbilment kemm ghall-ewwel kif ukoll ghat-tieni kap tal-Att ta' Akkuza – fil-periodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Jannar, 1998, kif ukoll sabuh li huwa recidiv peress li b'sentenza ohra tal-imsemmija Qorti Inferjuri tal-5 ta' Settembru, 1997 huwa kien gie misjub hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u kkundannat multa ta' mitt lira (oltre li kien tqieghed taht *probation* ghal zmien sentejn[1]).

Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju, 2003 il-Qorti Kriminali, ghalhekk, iddikjarat:

(A) (i) lil Brian Agius, Noel Calleja u Kevin Falzon hatja talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru, 1999 ikkommettew serq ta' flus u oggetti kwalifikat bil-vjolenza[2], bil-mezz, bil-valur[3], bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, b'dan li r-reat sar b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda; (ii) iddikjarat lil Joseph Calleja hati biss kif misjub

[1] U mhux inghata *conditional discharge* kif hemm miktub fis-sentenza appellata.
[2] Li din il-Qorti tifhem li kienet biss vjolenza numerika.
[3] Aktar minn mitt lira – ara l-akkuza kif migjuba mill-Avukat Generali fl-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza.

hati mill-gurati (ara *supra*); (iii) iddikjarat ukoll li Brian Agius u Kevin Falzon ikkommettew id-delitt imsemmi fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza u dan peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 1998 huma kienu misjuba hatja ta' serq kwalifikat u gew ikkundannti tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin; (iv) iddikjarat lill-istess Brian Agius u Kevin Falzon bhala recidivi, u dan peress li (1) fil-kaz ta' Brian Agius huwa kien instab hati ta' tentattiv ta' serq kwalifikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza tal-5 ta' Settembru, 1997 u kkundannat multa ta' mitt lira u (2) fil-kaz ta' Kevin Falzon peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Mejju, 1996, 2 ta' Dicembru, 1997 u 15 ta' Dicembru, 1998 l-istess Kevin Falzon kien gie misjub hati ta' reat; u
(B) (i) iddikjarat lil Brian Agius mhux hati skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza (cioe` ta' tentattiv ta' omicidju volontarju) izda hati talli kkaguna offiza involontarja ta' natura gravi; (ii) kif ukoll iddikjarat li l-istess Brian Agius ikkommetta dan ir-reat (ta' offiza involontarja ta' natura gravi) fil-periodu operattiv tas-sentenza ta' prigunerija sospiza tat-22 ta' Jannar, 1998 ga msemmija, u (iii) li huwa recidiv minhabba s-sentenza tal-5 ta' Settembru, 1997, ukoll ga msemmija.

Wara li l-Qorti Kriminali ghamlet certi konsiderazzjonijiet dwar il-piena – konsiderazzjonijiet li f'dana l-istadju din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tirrepetihom – ghaddiet biex ikkundannat lill-erba' hatja hekk:

1. Brian Agius ghall-piena komplessiva ta' 8 snin prigunerija[4], bit-tnaqqis ta' "kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma' dawn ir-reati" u l-hlas ta' Lm329.78 spejjez peritali;
2. Joseph Calleja ghall-piena ta' 30 xahar prigunerija bit-tnaqqis ta' "kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma' dan ir-reat", u l-hlas ta' Lm72.70 spejjez peritali;
3. Noel Calleja ghall-piena ta' 5 snin prigunerija, bit-tnaqqis ta' "kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in

[4] U dan wara li dik il-Qorti osservat li s-sentenza ta' prigunerija sospiza tat-22 ta' Jannar, 1998 kienet digà giet attivata b'sentenza precedenti.

konnessjoni biss ma' dan ir-reat" u l-hlas ta' Lm158.30 spejjez peritali;
4. Kevin Falzon ghall-piena ta' 7 snin prigunerija bit-tnaqqis ta' "kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma' dan ir-reat", u l-hlas ta' Lm158.30 spejjez peritali.

Fl-ahharnett dik il-Qorti baghtet lil Kevin Falzon quddiem il-Qort tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din l-ahhar Qorti tittratta mieghu skond il-ligi "ghall-kommissjoni ta' reat iehor fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal tliet snin lilu moghtija mill-istess Qorti fit-22 ta' Jannar, 1998."

Kif inghad, minn din is-sentenza appellaw Brian Agius, Noel Calleja u Kevin Falzon biss; Joseph Calleja ma appellax. L-appelli huma kollha limitati ghall-piena, u ser jigu trattati *seriatim*. Qabel ma taghmel dan huwa opportun li jigi precizat x'kienet il-piena ghar-reat biss ta' serq kwalifikat u kontinwat li tieghu nstabu hatja Brian Agius, Noel Calleja u Kevin Falzon. Jekk wiehed ma jihux in konsiderazzjoni r-recidiva (Noel Calleja ma giex dikjarat recidiv) il-piena kienet minn minimu ta' tmintax-il xahar prigunerija sa massimu ta' disa' snin prigunerija[5]. Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni, imbaghad, ir-recidiva skond l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali (u allura dana fir-rigward ta' Agius u Falzon biss) din il-piena tizdied minn minimu ta' sentejn prigunerija sa massimu ta' tnax-il sena prigunerija. Dan qed jinghad mill-ewwel biex wiehed jaqta' barra hafna argumenti mressqa mid-difensuri tal-appellanti li b'xi mod il-piena kienet tmur oltre dak permess mil-ligi. Fil-kaz ta' Brian Agius biss hemm imbaghad il-piena ghar-reat ta' offiza gravi izda ta' natura involontarja -- Artikolu 226(1)(b) bil-piena kif kienet meta gie kommess ir-reat[6] -- u cioe` ta' prigunerija ta' mhux

[5] Tinhadem hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| serq kwalifikat bil-vjolenza numerika | -- | 9 xhur sa 3 snin | Art. 276 |
| minhabba l-kwalifiki l-ohra | -- | 13-il xahar sa 5 snin | Art. 277(b) |
| natura kontinwata tar-reat | -- | 18-il xahar sa 9 snin | Art. 18 |

[6] Cioe` qabel iz-zieda fil-piena introdotta bl-Att III tal-2002 – fattur, dan, li ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti kif jirrizulta kjarament mis-sentenza appellata.

aktar minn tliet xhur jew multa ta' mhux aktar minn hames mitt lira[7].

Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra r-rikors ta' appell ta' Brian Agius. Fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-appell fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2005, l-Avukat Dott. Mark Said, in rappresentanza ta' l-Avukat Generali, iddikjara li l-prosekuzzjoni kienet tqis l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant Agius bhala fondati u ghalhekk talab li din il-Qorti tezenta lill-partijiet milli jaghmlu sottomissjonijiet dwarhom. Dott. Albert Libreri, difensur ta' l-appellant, aderixxa ma' din it-talba, u din il-Qorti laqghet it-talba u ddikjarat li ser tiehu dawn iz-zewg aggravji bhala fondati. Jinghad, pero`, li dawn l-aggravji, fondati kemm huma fondati, ftit li xejn jincidu fuq il-kwistjoni tal-piena. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens illi, galadarba Agius instab hati taht it-tieni kap mhux ta' tentattiv ta' omicidju volontarju izda biss ta' reat ta' natura <u>involontarja</u>, il-gurati ma setghux isibuh hati li kien recidiv taht it-<u>tieni</u> kap – kif effettivament sabuh skond il-verdett ulterjuri taghhom – u dan minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 52 tal-Kodici Kriminali[8]. L-appellant ghandu ragun fis-sens li l-gurati ma messhomx gew mitluba jghidu jekk huwa kienx recidiv fir-rigward tar-reat taht it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza, u anqas setghet l-ewwel Qorti, minkejja d-dikjarazzjoni affermattiva tal-gurati, tiddikjarah – riferibbilment ghar-reat ta' offiza gravi ta' natura involontarja – li huwa recidiv minhabba s-sentenza tal-5 ta' Settembru, 1997[9]. Fid-deliberazzjonijiet taghha il-Qorti Kriminali ma qalet xejn dwar din il-kwistjoni, ghalkemm tajjeb li jinghad li meta giet biex tikkwota l-artikoli tal-ligi applikabbli, l-Artikolu 52 hu msemmi. Minkejja dan, jista' jinghad li hemm dubbju jekk l-ewwel Qorti, fil-komputazzjoni tal-piena, zidietx grad fuq il-piena ghall-offiza involontarja (b'mod li l-massimu

[7] Ghalkemm ghandu jinghad ghall-kompletezza li fis-sentenza taghha l-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghall-Artkoli 218(1)(a)(2) u 226(1)(a), li donnu jindika li dik il-Qorti kienet qed tifhem il-verdett tal-gurati bhala wiehed ta' offiza <u>gravissima</u> ta' natura involontarja, u mhux semplicement offiza <u>gravi</u> involontarja. Agius, fir-rikors ta' appell tieghu, b'ebda mod ma appella specifikatament fuq dan il-punt.

[8] "52: Ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, fil-kundanni dwar delitti ohra, ma jitqisux il-kundanni moghtija ghal delitti maghmulin b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' hars ta' regolamenti, u *vice versa*."

[9] Ara fol. 191 ta' l-attijiet ta' l-istruttorja.

applikabbli jizdied, u salv dejjem l-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) dwar il-konkors tar-reati u pieni), b'mod li jigi li hija erogat piena oghla minn dik li forsi kienet taghti kieku ma ziditx dak il-grad, u ghalhekk f'dan ir-rigward jidher li ghandu jkun hemm temperament fil-piena proprju minhabba dan id-dubbju.

It-tieni aggravju – li dwaru wkoll qabel l-Avukat Generali – jirrigwarda il-fatt li huwa gie dikjarat li kkommetta kemm is-serq (l-ewwel kap) kif ukoll l-offiza gravi involontarja (it-tieni kap) fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, cioe` dik tat-22 ta' Jannar, 1998. L-appellant jghid hekk:

"Issa jigi sottomess bir-rispett li, galadarba l-akkuza ta' kommissjoni ta' reat waqt id-dekorrenza ta' sentenza sospiza tista' ggib biss il-konsegwenza li dik is-sentenza tigi reza ezegwibbli, u galadarba wkoll l-appellant ma giex akkuzat bir-recidiva minhabba din is-sentenza sospiza, u inoltre, galadarba skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(3) tali vertenza kellha tigi deciza biss mill-Qorti u mhux permezz ta' verdett tal-gurati, l-ewwel Onorabbli Qorti messha (a) ma dderigietx lill-gurati sabiex jaghtu verdett fuq din il-kwistjoni; u (b) fil-ghoti tas-sentenza taghha ma hadet ebda konsiderazzjoni ta' dana l-addebitu kif kuntrarjament jidher li ghamlet skond il-konsiderazzjonijiet rapportati fl-ewwel paragrafu tal-pagna tnax (12) tas-sentenza."

Jidher, ghalhekk, li bazikament l-appellant qed jikkontendi li meta l-ewwel Qorti qieset il-fatt li huwa kien ikkommetta reati (serq u offiza gravi involontarja) fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza (tat-22 ta' Jannar, 1998), huwa gie kkunsidrat li kien recidiv kemm fir-rigward ta' l-ewwel kap kif ukoll fir-rigward tat-tieni kap. Dan l-aggravju hu fondat, izda biss fir-rigward tat-tieni kap. Huwa veru li l-gurati ma messhom qatt gew mitluba jiddikjaraw jekk ir-reati fl-Att ta' Akkuza *de quo* gewx kommessi jew le fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza – is-subartikolu (3) tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali huwa car f'dan ir-rigward fis-sens li din il-kwistjoni, minkejja li hija kwistjoni ta' fatt, kellha tigi deciza mill-Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali u mhux mill-gurati. B'daqshekk <u>biss</u>, pero`, ma hemmx lok ta'

varjazzjoni fis-sentenza appellata, ghax bhala fatt dawk iz-zewg reati gew kommessi fil-periodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiza. L-ewwel Qorti korrettement ma attivatx l-imsemmija sentenza sospiza fir-rigward ta' Brian Agius, peress li din kienet digà giet attivata bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru, 2001[10]. Jidher, pero`, li l-ewwel Qorti kkunsidrat din is-sentenza ghall-fini tad-definizzjoni ta' recidiva skond l-Artikolu 49[11] tal-Kodici Kriminali. Infatti fil-paragrafu tas-sentenza appellata li fih l-ewwel Qorti spjegat ghala ma kinitx ser tattiva s-sentenza tat-22 ta' Jannar, 1998, liema paragrafu jibda billi jirreferi ghar-reati kemm taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza, jinghad hekk:

"Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax ma tqisx li l-hati anke kkommetta r-reat li tahtu nstabet htija f'din il-kawza fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ghall-fini ta' l-applikazzjoni ta' piena." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ma huwiex car hawnhekk ghal liema "reat" qed tirreferi l-Qorti: is-serq kwalifikat u kontinwat jew l-offiza gravi involontarja? Jew ghat-tnejn (minkejja l-uzu tas-singular)? Certament ghall-finijiet tar-reat taht l-ewwel kap, il-Qorti Kriminali setghet tqis lill-appellant recidiv skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali [12], u dan kif kjarament jipprovdi l-Artikolu 28F tal-istess Kodici. Izda dik il-Qorti ma setghetx tikkonsidrah bhala recidiv fir-rigward tat-tieni kap (offiza gravi involontarja) skond l-imsemmi Artikolu 49, u dan minhabba l-eccezzjoni kontenuta fl-Artikolu 52 digà msemmi.

It-tielet aggravju ta' l-appellant Agius hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma applikatx b'mod korrett l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, wara li, kif jidher minn dak li jinghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, ghamlet il-komputazzjonijiet taghha, hi tal-fehma li dana l-aggravju hu manifestament infondat u jirrazenta l-fieragh.

---

[10] Ara fol. 184 *et seq.* ta' l-attijiet ta' l-istruttorja.

[11] "49: Persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor."

[12] Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 50 Agius kien recidiv, fir-rigward tal-ewwel kap, minhabba s-sentenza tal-5 ta' Settembru, 1997.

L-appellant Agius, fl-udjenza tat-13 ta’ Jannar, 2005, irrinunzja, tramite l-legali tieghu, ghar-raba’ aggravju, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha xejn xi tghid fuqu.

L-ahhar aggravju ta’ l-appellant Agius hu fis-sens li l-piena inflitta ta’ 8 snin prigunerija kienet wahda harxa wisq tenut kont “tac-cirkostanzi kollha familjari u ta’ trobbija tieghu”. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ma tistax tikkonsidra dana l-aggravju bhala wiehed fondat. Hafna huma dawk in-nies li jkollhom problemi serji u gravi fit-trobbija taghhom izda li jibqghu ma jirrikorrox ghall-ksur tal-ligi. Il-fedina penali ta’ l-appellant Agius fiha kwazi ghaxar faccati ta’ reati, il-parti l-kbira taghhom reati ta’ serq. Hafna drabi huwa nghata l-opportunita` mill-Qrati sabiex jirriforma ruhu izda baqa’ ghaddej jikkonsidra l-proprjeta` ta’ haddiehor bhallikieku kienet il-proprjeta` tieghu. Din il-Qorti u kull Qorti ta’ Gustizzja Kriminali ghandha d-dover li, bil-pieni jew provvedimenti ohra li taghti, tipprotegi wkoll lis-socjeta`, u f’certi kazijiet, bhal fil-kaz ta’ l-appellant Agius, tali protezzjoni jkollha tigi implimentata billi l-hati jitnehha mic-cirkolazzjoni ghal certu periodu bit-tama li f’dak il-periodu huwa jirriforma ruhu.

Il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell ta’ Noel Calleja, u tistqarr mill-ewwel li thossha ferm urtata bil-frivolita` ta’ dana l-appell u, aktar u aktar, bil-frivolita` tal-aggravji kif migjuba fih. Jibda biex jinghad li dana l-appellant ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-ewwel kap ta’ l-Att ta’ Akkuza (it-tieni kap kien jirreferi biss ghal Brian Agius). Huwa jilmenta li l-piena ma kinitx gusta u proporzjonali ghas-segwenti ragunijiet (1) ghax is-serq ma kienx fuq hwejjeg ta’ valur gholi, (2) ghax l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ma giex applikat korrettement mill-ewwel Qorti, (3) ghax il-prosekuzzjoni ma gabitx prova li l-oggetti misruqa kienu jeccedu l-elf lira, ghax ma kienx ikun facli li l-prosekuzzjoni tipprova l-kazijiet kollha kontrih u ghax huh (Joseph Calleja), li ghadda guri, inghata piena ferm anqas minnu, (4) ghax l-ewwel Qorti kkunsidrat zewg sentenzi ta’ prigunerija sospiza fil-konfront tieghu, u ghax huwa ma giex akkuzat li huwa recidiv, (5) ghax l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li qalet il-*Probation Officer* tieghu, u

cioe` li "…ghandu kaz iehor", u (6) u ghax l-ewwel Qorti injorat il-fatt li huwa irnexxielu "jifforma relazzjoni stabbli ma' tfajla u li kienet ser titwieled tarbija" bhala prova li huwa jrid ibiddel hajtu. Din il-Qorti, wara li ezaminat dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha fir-rigward ta' dana l-appellant, tqis li l-konsiderazzjonijiet kollha ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tieghu kienu ineccepibbli. F'ebda stadju l-ewwel Qorti ma hadet in konsiderazzjoni xi haga li ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni – ir-referenza ghal kaz iehor <u>pendenti</u> (u mhux semplicement ghal kaz iehor, kif hemm fir-rikors ta' appell) kienet konstatazzjoni ta' fatt korretta, li saret fuq dak li xehdet xhud <u>prodotta mill-istess difiza</u>, u li b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma wiehed jista' jghid li tali referenza incidiet negattivament fuq l-ghoti tal-piena. Min-naha l-ohra, dik il-Qorti korrettement warrbet bhala rrelevanti l-konsiderazzjoni li l-appellant kellu relazzjoni ma' tfajla u kien ser ikollu tarbija – kif korrettement osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ukoll fuq l-iskorta ta' dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tal-15 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Tracey Borg***, kieku wiehed kellu jibda jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi, facilment jinfetah "il-bieb ghal agir abuziv u irresponsabbli da parti ta' min ikun qed jistenna li jigi sentenzjat minn xi Qorti Kriminali billi jirrikorri ghall-espedjent li jkollu tarbija jew aktar". Meta l-appellant Calleja ammetta l-akkuza kontra tieghu huwa kien qed jammetti wkoll il-fatti li fuqhom kienet mibnija l-akkuza ta' serq. Mhux korrett l-appellant li jimplika li huwa gie kkundannat fuq serq fejn il-kwalifika tal-valur kienet ta' aktar minn elf lira: l-Avukat Generali, fl-ewwel kap, indika kjarament il-kwalifika tal-valur bhala li jeccedi l-mitt lira (u mhux l-elf lira), u fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti korrettement ma ghamlet ebda referenza ghall-Artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali. L-akkuza ta' serq kontinwat li dana l-appellant ammetta ghaliha tinvolvi seba' serqiet separati u tliet tentattivi ta' serq. Il-valur tal-flus jew oggetti misruqa f'xi whud minn dawn is-serqiet kien qrib hafna l-elf lira (ez. disa' mitt lira a dannu ta' Rosario Demanuele, tmien mitt lira a dannu ta' Marisa Perret, seba' mitt lira a dannu ta' Charles Falzon, disa' mitt lira a dannu ta' Mark Gatt). Altru, mela, li s-serq ma kienx fuq hwejjeg ta' valur gholi!! L-ilment li l-ewwel Qorti applikat hazin l-Artikolu 18

jew li kkunsidrat xi sentenzi sospizi jew xi akkuza ta' recidiva fil-konfront ta' dan l-appellant huwa semplicement frott ta' l-immaginazzjoni ta' min irrediga r-rikors ta' appell, li jidher li anqas ha l-izbriga li jaqra sew is-sentenza appellata. Ghalhekk dana l-appell mhux biss ser jigi respint, izda ser jigi wkoll dikjarat bhala fieragh fit-termini tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 512 tal-Kap. 9.

Ser jigi issa kunsidrat l-appell ta' Kevin Falzon. Dana l-appell kien ikollu l-istess ezitu bhal dak ta' Noel Calleja kieku ma kienx ghall-fatt li l-ewwel Qorti, bid-dovut rigward kollu lejha, inkorriet fi zball procedurali fir-rigward tas-sentenza ta' prigunerija sospiza tat-22 ta' Jannar, 1998. Dana l-appellant jipprova jqabbel il-kaz tieghu ma' dak ta' Brian Agius, u jghid li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni dak li kellha tiehu, u li hadet in konsiderazzjoni dak li ma kellhiex tikkunsidra. Dawn l-aggravji huma kollha assolutament infondati. Il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dana l-appellant huma wkoll ineccepibbli. L-uniku zball ta' l-ewwel Qorti kien li, fir-rigward tas-sentenza ta' prigunerija sospiza tat-22 ta' Jannar, 1998 (fejn l-appellant kien gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin) flok ma ttrattat hi mal-hati dwar dik is-sentenza sospiza (skond l-Artikolu 28C(1)) u applikat piena wahda skond is-subartikolu – illum abrogat izda li kien applikabbli ghall-kaz ghax jincidi fuq il-piena – (2) tal-Artikolu 28E, erroneament ordnat li l-appellant jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex jigi hekk trattat. Ir-rinviju minn qorti ghal ohra jsir biss meta s-sitwazzjoni tkun bl-invers, u cioe` meta l-Qorti tal-Magistrati ssib lil xi hadd hati ta' reat li ghalih ikun hemm il-piena ta' prigunerija, liema reat ikun sar fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti Kriminali; f'sitwazzjoni bhal din il-kaz jigi rinvjat mill-Qorti Inferjuri ghall-Qorti Superjuri skond l-Artikoli 28C(2) u 28E(3) tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi:

1. tirrespingi l-appell ta' Noel Calleja; u peress li dana l-appell huwa, kif digà nghad, wiehed fieragh, wara li rat l-Artikolu 512(3) tal-Kodici Krminali, tikkundanna lill-istess

Noel Calleja multa ta' mitt lira, konvertibbli f'ghoxrin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi;
2. tilqa' l-appell ta' Kevin Falzon limitatament fis-sens illi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-imsemi Falzon jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tittratta mieghu ghall-kommissjoni ta' reat iehor fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal tliet snin moghtija fit-22 ta' Jannar, 1998 u minflok tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-imsemmija sentenza tat-22 ta' Jannar, 1998 giet attivata permezz tas-sentenza appellata u li ghalhekk il-piena ta' seba' snin prigunerija tinkludi wkoll il-piena ghar-reati msemmija fis-sentenza ta' prigunerija sospiza b'applikazzjoni tal-Artikolu 28E(2) kif kien qabel ma gie emendat; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija in kwantu tirreferi ghall-istess Kevin Falzon;
3. tilqa' l-appell ta' Brian Agius limitatament kif ser jinghad, u cioe` billi (i) thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddikjarat lill-imsemmi Brian Agius recidiv fir-rigward tar-reat taht it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Settembru, 1997, (ii) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imsemmi Brian Agius tmien snin prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) snin u erba' (4) xhur prigunerija (bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv kif ordnat mill-ewwel Qorti), u (iii) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija fir-rigward ta' l-istess Brian Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------